# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 5 ta' Ottubru 2022**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Guramentat Numru:- 520/2022 JVC**

**Joan (Josephine Angela) Bonici Mompalao sive Joan Bonici Mompalao (karta ta' identita' numru 335877M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Joan (Josephine Angela) Bonici Mompalao sive Joan Bonici Mompalao premettiet u talbet kif isegwi:

1. ;Illi r-rikorrenti twieldet f'Malta fl-10 ta' Gunju tas-sena 1977 u skond l-Att ta' Twelid numru 3358 datat 28 ta' Lulju, 1977 (Dok. A') kellha tissejjah bl-isem "Joan (Josephine Angela)";

2. Illi ghal żmien twil, ir-rikorrenti kienet u hi ghadha fil-fatt konsistentement maghrufa bhala "Joan", u dan kif jidher mill-affidavit tar-ragel taghha Charles Bonici Mompalao (Dok. A1') u mid-dokumenti annessi u mmarkati 'Dok. B' ittra mibghuta minn Dr Mariella Mizzi datata 8 ta' April, 2001, 'Dok. C'' rendikont bankarju datat 22 ta' Jannar 2001, Dok. D' certifikat tal-eżamijiet tal-edukazzjoni sekondarja u 'Dok. E' certifikat tal-kors tal-kindergarten datat 29 ta Gunju 1982;

3. Illi isem ir-rikorrenti huwa wkoll indikat bhala "Joan" fuq bosta dokumenti ufficjali, inkluzi izda mhux limitati ghal dokumenti tas-sigurtà socjali (Dok. F u Dok. G), dokumenti mahruga minn Jobsplus ( Dok. H') u atti tat-taxxa tad-dhul (Dok. I) u dan kif jidher mill-kopji tad-dokumenti annessi;

4. Illi dan kollu mhux rifless fl-att tat-twelid tar-rikorrenti ('Dok. A') u r-rikorrenti tixtieq illi dan ma jibqax hekk u cioe` isem ir-rikorrenti jibda jigi indikat bhala Joan Bonici Mompalao u mhux Joan (Josephine Angela) Bonici Mompalao;

5. Illi s-suespost lanqas ma hu rifless fl-att taz-żwieg numru 2132 datat 4 ta' Dicmebru, 1998 ('Dok. J) u fl-att tat-twelid ta' wlied ir-rikorrenti Emma Bonici Mompalao li ghandha l-att ta' twelid numru 1370 datat 30 ta' April, 2010 ('Dok. K') u Jamie Bonici Mompalao li ghandha l-att ta' twelid numru 550 datat 17 ta' Frar, 2006 (Dok. L') u hija tixtieq illi dan ma jibqax hekk u cioe` isem ir-

rikorrenti jibda jigi indikat bhala Joan Bonici Mompalao u mhux Joan (Josephine Angela) Bonici Mompalao;

6. Ir-rikorrenti taf dawn il-fatti personalment.

7. Illi din l-azzjoni qed issir a tenur tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, r-rikorrenti titlob bir-rispett, previa d-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinaghtaw il-provvedimenti opportuni, li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara, ai termnini tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi r-rikorrenti hija fil-fatt maghrufa konsistentement bl-isem "Joan";

2. Tordna illi tali fatt jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tar-rikorrenti numru 3358 datat 28 ta' Lulju, 1977 billi tordna illi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah" il-kliem "(Josephine Angela)" jigu kkancellati;

3. Tordna illi tali fatt jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att taż-żwieg numru 2132 datat 4 ta' Dicembru, 1998 billi tordna illi fil-kolonna intestata "Taghrif dwar il-mara mizzewga" - "Isem u Kunjom" il-kliem "(Josephine Angela)" jigu kkancellati;

4. Tordna illi tali fatt jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' twelid numru 1370 datat 30 ta' April, 2010 ta' Emma Bonici Mompalao billi tordna illi fil-kolonna intestata "Taghrif fuq l-omm" - "Isem u Kunjom" il-kliem "(Josephine Angela)" jigu kkancellati;

5. Tordna illi tali fatt jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' twelid numru 550 datat 17 ta' Frar, 2006 ta' Jamie Bonici Mompalao billi tordna illi fil-kolonna intestata "Taghrif fuq l-omm"- "Isem u Kunjom" il-kliem "(Josephine Angela)" jigu kkancellati; u

6. Tordna illi kull bidla ordnata bis-sahha ta' dina s-sentenza u in partikolari isem ir-rikorrenti u kif ghandha tigi imsejha tigi riflessa fkull att ta' stat civili iehor relattiv ghar-rikorrenti u fejn ikun il-każ, ghal uliedha u d-dixxidenti taghha;

U taghti kull direttiva ohra li jidhrilha xierqa u opportuna.

Bl-ispejjeż.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi fil-każ odjern, mill-Att tat-Twelid tar-rikorrenti nnumerat 3358/1977 jirriżulta illi hija twieldet f'Malta fl-10 ta' Ġunju tal-1977 lil Joseph u lil Angela Galea u li ingħatat l-ismijiet 'Josephine Angela, (Joan), Paula, Michaela'. Mill-istess Att tat-Twelid,

jirriżulta illi hija kellha tissejjaħ bl-ismijiet 'Joan (Josephine Angela)';

4. Illi kif tixhed vera kopja tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti, li qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok. DRP 1, kien missierha Joseph Galea li għamel id-dikjarazzjoni tat-twelid tagħha u li ffirma l-istess Att tat-Twelid, u għalhekk ma jistax jingħad issa sar xi żball da parti tal-esponent;

5. Illi r-rikorrenti tispjega li minkejja l-fatt li fl-atti tal-istat ċivili relattivi għaliha, isimha jidher bħala Joan (Josephine Angela), fil-fatt hija konsistentement magħrufa bl-isem Joan, u mar-rikors promotur annettiet diversi dokumenti li jixhdu dan. Għalhekk hija intavolat il-proċeduri odjerni bil-għan li din l-Onorabbli Qorti tordna t-tibdil meħtieġ fl-atti tal-istat ċivili tagħha bil-għan illi dawn jirriflettu l-isem li hija realment magħrufa bih;

6. Illi mingħajr preġudizzju għal dak premess, l-esponent jissottometti illi fir-rigward tal-ewwel ħames talbiet attriċi, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però illi l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

7. Illi fir-rigward tas-sitt talba attriċi, qed jiġi rrilevat illi ai termini tal-**Artikolu 253** tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, **liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom**. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil u a skans ta' ekwivoċi, ir-rikorrenti għandha tispeċifika n-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv li fihom qegħdin jintalbu l-emendi;

8. Illi finalment, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u li għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat fl-atti illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita a fol. 27 tal-process;

Illi fil-mertu l-Qorti rat illi r-rikorrenti prezentat diversi affidavits taghha, tar-ragel u ta' persuni ohra li lkoll jikkonfermaw illi hija maghrufa bl-isem biss ta' 'Joan' u mhux bl-isem ta' 'Josephine Angela';

Rat ukoll illi esebiet dokumentazzjoni ohra li tevidenzja dan il-fatt;

Illi in vista tal-provi kollha fl-atti, l-Qorti hija sodisfatta illi t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjoni tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa′ l-ewwel talba u tiddikjara, ai termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi r-rikorrenti hija fil-fatt maghrufa konsistentement bl-isem ta′ "Joan";

3. Tilqa′ t-tieni talba u tordna illi tali fatt jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' Twelid tar-rikorrenti numru 3358 datat 28 ta' Lulju, 1977 billi tordna illi fil-kolonna intestata "Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah" il-kliem "(Josephine Angela)" jigu kkancellati;

4. Tilqa′ t-tielet talba u tordna illi tali fatt jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att taż-żwieg numru 2132 datat 4 ta′ Dicembru, 1998 billi tordna illi fil-kolonna intestata "Taghrif dwar il-mara mizzewga" - "Isem u Kunjom" il-kliem "(Josephine Angela)" jigu kkancellati;

5. Tilqa′ r-raba′ talba u tordna illi tali fatt jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' twelid numru 1370 datat 30 ta' April, 2010 ta' Emma Bonici Mompalao billi tordna illi fil-kolonna intestata "Taghrif fuq l-omm" - "Isem u Kunjom" il-kliem "(Josephine Angela)" jigu kkancellati;

6. Tilqa′ l-hames talba u tordna illi tali fatt jigi rifless b'korrezzjoni tal-Att ta' twelid numru 550 datat 17 ta' Frar, 2006 ta' Jamie Bonici Mompalao billi tordna illi fil-kolonna intestata "Taghrif fuq l-omm"-"Isem u Kunjom" il-kliem "(Josephine Angela)" jigu kkancellati; u

7. Tilqa′ s-sitt talba limitatament ghall-atti fil-poter tad-Direttur intimat;

8. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**5 ta' Ottubru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Ottubru 2022**